



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.7.2023  
COM(2023) 464 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT  
EWROPEW**

**L-34 Rapport Annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u  
l-ġlieda kontra l-frodi – 2022**

{SWD(2023) 272 final} - {SWD(2023) 273 final} - {SWD(2023) 274 final} -  
{SWD(2023) 275 final} - {SWD(2023) 276 final}

# Werrej

<b>1.</b>	<b>Introduzzjoni</b> .....	<b>5</b>
<b>2.</b>	<b>Enfasi fuq miżuri ewlenin fil-livell tal-UE</b> .....	<b>5</b>
2.1.	Riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju .....	6
2.2.	Implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza .....	7
2.3.	Traspożizzjoni tad-Direttiva PIF – is-sitwazzjoni attwali .....	7
2.4.	Reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni li jakkumpanja l-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi .....	8
2.5.	Il-programm tal-UE kontra l-frodi .....	8
2.6.	Il-Programmi tal-UE dwar id-Dwana u t-Tassazzjoni .....	9
2.6.1.	Il-programm Fiscalis .....	9
2.6.2.	Il-Programm doganali .....	9
2.6.3.	Il-programm tal-Istrument tat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali.....	9
2.7.	Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Rapport PIF tal-2021 .....	10
2.8.	Inizjattivi oħrajn.....	11
2.8.1.	Klawżoli kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali .....	11
2.8.2.	It-Tieni Pjan ta' Azzjoni biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu tat-tabakk .....	11
2.8.3.	Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu .....	11
<b>3.</b>	<b>Miżuri tal-Istati Membri għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE</b> .....	<b>11</b>
3.1.	Strateġiji nazzjonali kontra l-frodi .....	11
3.2.	Miżuri kontra l-frodi adottati fil-livell nazzjonali .....	12
3.3.	Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2021 mill-Istati Membri .....	15
<b>4.</b>	<b>Ġlieda kontra l-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interessi li huma ta' ħsara għall-baġit tal-UE</b> .....	<b>16</b>
4.1.	Ħarsa ġenerali .....	16
4.1.1.	Investigazzjonijiet mill-OLAF .....	17
4.1.2.	Investigazzjonijiet mill-UPPE.....	18
4.2.	Dħul – Riżorsi proprji tradizzjonali .....	18
4.3.	Nefqa.....	20
4.3.1.	Agrikoltura .....	20
4.3.2.	Politika ta' koeżjoni .....	21
4.3.3.	Oqsma baġitarji oħrajn.....	22
4.4.	Kriminalità organizzata, korruzzjoni u kunflitti ta' interess .....	23
<b>5.</b>	<b>Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet</b> .....	<b>24</b>
5.1.	Fehim tal-frodi sabiex tiġi miġġielda b'mod aktar effiċjenti .....	24
5.2.	Innovazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi: il-każ għad-diġitalizzazzjoni .....	25
5.3.	Tisħiħ tal-governanza kontra l-frodi .....	25

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

F'konformità mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 325(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kull sena l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew (EP) u lill-Kunsill dwar il-miżuri meħuda fl-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu (magħruf bħala r-Rapport PIF). Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Parlament Ewropew jadotta l-mozzjoni annwali tiegħu għal riżoluzzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi.

Ir-Rapport PIF tal-2022 jenfasizza miżuri fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali mmirati lejn it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

L-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza issa tinsab għaddejja bis-saħħa u l-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet biex tiżgura li dawn jiġu implimentati b'mod korrett. B'mod partikolari, l-awditi tas-sistema li jiffukaw fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE għadhom għaddejjin, li jenfasizzaw Prattiki tajbin u jidentifikaw nuqqasijiet li jeħtieġ li jiġu kkoreġuti.

Il-programm tal-Unjoni kontra l-frodi jinsab fit-tieni sena tal-implimentazzjoni tiegħu, u jiffinanzja inizjattivi madwar l-UE biex tissaħħa il-ġlieda kontra l-frodi u jiġu appoġġati ż-żamma u l-iżvilupp ta' għodod tal-IT li jappoġġaw l-assistenza amministrattiva fid-dwana u fir-rapportar ta' irregolaritajiet.

Ir-riformulazzjoni proposta tar-Regolament Finanzjarju tiffoka fuq iż-żieda fit-trasparenza fl-użu tal-fondi tal-UE u t-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi li taffettwawhom. Id-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi hija wkoll wieħed mill-fokusijiet tar-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni li jakkumpanja l-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi mnedija fl-2022.

L-Istati Membri adottaw miżuri korrettivi wara l-proċeduri ta' ksur tal-Kummissjoni mnedija fir-rigward tat-traspożizzjoni skorretta tad-Direttiva PIF. Il-biċċa l-kbira ta' dawk l-azzjonijiet huma mistennija li jitlestew fix-xhur li ġejjin.

24 Stat Membru għandhom strateġija fis-seħħ biex iżidu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE jew jinsabu fil-proċess li jiffinalizzaw waħda. Dawn l-istrateġiji jvarjaw f'termini ta' ambitu u fokus, iżda l-aktar approċċ komuni huwa li tiġi adottata strateġija nazzjonali kontra l-frodi (NAFS).

L-Istati Membri segwew ukoll fil-biċċa l-kbira r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni biex isaħħu l-analiżi tar-riskju u biex iżidu d-diġitalizzazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi.

Fir-rigward tal-investigazzjonijiet dwar il-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u irregolaritajiet oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandhom rwol sinifikanti fl-arkitettura ġenerali tal-UE kontra l-frodi. L-għadd ta' irregolaritajiet, frawdolenti u mhux frawdolenti, irrapportati mill-Istati Membri fil-ġestjoni doganali u kondiviża wrew żieda żgħira meta mqabbla mal-2021, filwaqt li l-impatt finanzjarju tagħhom naqas. Ir-rapport jenfasizza l-oqsma ewlenin f'riskju fir-rigward tal-politika doganali, agrikola u ta' koeżjoni, abbażi tal-analiżi ta' dik id-*data*.

L-identifikazzjoni u r-rapportar ta' frodi suspettata xorta jistgħu jittejbu b'mod sinifikanti, kif ukoll is-segwitu tagħhom. Għad hemm differenzi notevoli bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri b'incidanza baxxa ta' frodi għandhom jinvestu f'analiżi tar-riskju ta' frodi biex jivvalutaw sa liema punt l-identifikazzjoni baxxa hija dovuta għal livell reali baxx ta' frodi jew għal nuqqasijiet sistemiċi fis-sistemi ta' identifikazzjoni jew rapportar.

Id-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi jeħtieġ li tkun fil-qalba tal-istrateġiji kontra l-frodi. Din tirrappreżenta kemm riżorsa kif ukoll theddida, peress li l-frodaturi qegħdin jużaw u jisfruttaw dejjem aktar teknoloġiji ġodda biex iwettqu r-reati tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi tkun parti min-NAFS tagħhom.

Il-Kummissjoni ttenni r-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri li għadhom ma adottaw l-ebda NAFS biex jagħmlu dan.

## LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET

AFCOS	Is-Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi
AFIS	Is-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi
AMIF	Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni
AML	Il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus
BOI	L-Informazzjoni Vinkolanti dwar l-Oriġini
CAFS	L-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi
CAP	Il-Politika Agrikola Komuni
CCEI	Il-Programm tal-Istrument tat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali
CRMS	Is-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali Komuni
EDES	Is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni
EP	Il-Parlament Ewropew
EPPO	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
ESIF	Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej
UE	L-Unjoni Ewropea
FEAD	Il-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn
FR	Ir-Regolament Finanzjarju
GDP	Il-Prodott Domestiku Gross
IMS	Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet
IPA	L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni
JCO	L-Operazzjoni Doganali Konġunta
MAA	L-Assistenza Amministrattiva Reċiproka
MFF	Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali
NAFS	L-Istrateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi
OLAF	L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi
PIF	Il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji
RRF	Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
RTD&I	Ir-Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Innovazzjoni
TEN	In-Network Trans-Ewropew
TFUE	It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
TOR	Ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali
UAFP	Il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi
VAT	It-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

## 1. INTRODUZZJONI

Il-baġit tal-UE għall-2022 jammonta għal madwar EUR 170,6 biljun, li jirrappreżenta madwar 1 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-UE. Il-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021-2027 jammonta għal EUR 1 074,3 biljun. Ir-riżorsi addizzjonali jiġu minn Next Generation EU, il-pakkett ta' rkupru ekonomiku ta' wara l-Covid tal-UE, li jipprevedi EUR 750 biljun li għandhom jintnefqu bejn l-2021 u l-2026.

Permezz ta' dawn ir-riżorsi, l-UE tiffinanzja l-politiki tagħha u tippromwovi l-għanijiet u l-valuri tagħha.

L-Istati Membri tal-UE jimmaniġġaw l-akbar sehem tan-nefqa tal-UE u jiġbru r-riżorsi proprji tradizzjonali (TOR), prinċipalment id-dazji doganali.

F'konformità mal-[Artikolu 325](#) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE), l-UE u l-Istati Membri tagħha jiġġieldu l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE<sup>1</sup>. F'konformità mal-Artikolu 325(5) tat-TFUE, kull sena l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew (PE) u lill-Kunsill dwar il-miżuri meħuda fl-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu. Dan ir-rapport, magħruf ukoll bħala r-Rapport PIF (protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE), jissodisfa dak l-obbligu għall-2022. Dan huwa akkumpanjat minn ħames dokumenti ta' ħidma<sup>2</sup>.

### *Kaxxa 1: Approċċ metodoloġiku*

Id-definizzjonijiet kollha applikabbli huma indikati fil-kaxxi 1, 2 u 3 tar-[Rapport PIF 2021](#).

Ir-Rapport PIF tal-2022 jiffoka fuq inizjattivi ewlenin fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Il-verżjoni diġitali ttiprovdi informazzjoni addizzjonali permezz ta' iperlinks u kontenut addizzjonali mibni.

It-Taqsima 2 tar-rapport tiffoka fuq miżuri fil-livell tal-UE, filwaqt li t-Taqsima 3 tkopri l-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali. It-Taqsima 4 tippreżenta data u s-sejbiet analitiċi ewlenin dwar il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u irregolaritajiet oħrajn li jaffettwaw il-baġit tal-UE. It-Taqsima 5 tagħlaq ir-rapport b'konklużjonijiet u b'rakkomandazzjonijiet.

## 2. ENFASI FUQ MIŻURI EWLENIN FIL-LIVELL TAL-UE

Din it-taqsima tar-rapport tiffoka fuq l-iżviluppi ewlenin li jikkonċernaw inizjattivi ta' politika u leġiżlattivi ewlenin fil-livell tal-UE biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE. Din ma hijiex lista eżawrjenti.

---

<sup>1</sup> L-Artikolu 310(6) tat-TFUE.

<sup>2</sup> Dan ir-rapport PIF huwa akkumpanjat minn ħames dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni:

- a) Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni u l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u n-nefqa diretta fl-2022
- b) Miżuri adottati mill-Istati Membri biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE fl-2022
- c) Segwitu dwar ir-rakkomandazzjonijiet għar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi - 2021
- d) il-programm Ewropew kontra l-frodi – implimentazzjoni tal-2022
- e) is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) — Bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju

## 2.1. Riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju

Ir-raġuni ewlenija għar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju (FR)<sup>3</sup> hija li jiġi allinjat mal-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), filwaqt li jiġi żgurat li r-regoli finanzjarji ġenerali kollha jiġu inklużi f'għabra unika tar-regoli, u b'hekk tiġi pprovduta ċertezza legali akbar għall-istituzzjonijiet tal-UE u għar-riċevituri tal-fondi. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, permezz tal-emenda mmirata tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni beħsiebha tkompli ttejjeb: (i) il-mod kif tiġi pprovduta l-informazzjoni lill-pubbliku dwar kif jintuża l-baġit tal-UE u min jirċievi l-finanzjament tal-UE; u (ii) il-protezzjoni tal-baġit tal-UE kontra l-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess.

Fir-rigward tal-ewwel oġettiv, il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri u korpi oħrajn li jimplementaw il-baġit tal-UE, taħt il-forom kollha ta' ġestjoni, jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-finanzjament tal-UE darba fis-sena, inklużi identifikaturi uniċi fejn ir-riċevituri jkunu persuni ġuridiċi. Għal dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni żżid l-informazzjoni disponibbli dwar il-ġestjoni diretta u tkun responsabbli għall-konsolidazzjoni, għaċ-ċentralizzazzjoni u għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni f'bażi tad-*data* fuq sit web uniku, verżjoni mtejba tas-**Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja**, li tkopri l-forom kollha ta' ġestjoni. Id-drittijiet tal-benefiċjarji f'termini tal-*ħajja* privata u tad-*data* personali tagħhom se jkomplu jiġu protetti<sup>4</sup>.

It-tieni oġettiv se jiġi segwit bi tliet modi. L-ewwel nett, il-Kummissjoni pproponiet li l-**użu ta' sistema tal-IT integrata unika** għall-estrazzjoni ta' *data* u l-kejl tar-riskju jsir **obbligatorju**. It-tieni, il-Kummissjoni tipproponi wkoll li **żżid l-ambitu u l-effettività tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES)**<sup>5</sup>, billi ssaħħaħha billi timmira aħjar l-applikazzjoni tagħha għall-fondi kemm taħt ġestjoni kondiviża kif ukoll taħt ġestjoni diretta (pereżempju taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza). Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tippermetti lill-entitajiet affiljati u/jew lis-sidien benefiċjarji ta' entità primarja eskluża, li jiġu esklużi mill-offerti għal kuntratti pubbliċi u fl-aħħar mill-aħħar milli jiksbu fondi tal-UE. Ir-rifjut ta' kooperazzjoni f'investigazzjonijiet, kontrolli jew awditi mwettqa minn uffiċjal awtorizzanti, mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF), mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jew mill-Qorti tal-Awdituri, u l-inċitament għall-mibegħda jew għad-diskriminazzjoni jiżiedu bħala raġunijiet għall-esklużjoni. It-tielet, l-emendi proposti għar-Regolament Finanzjarju, jekk jiġu approvati mill-koleġiżlaturi, se **jżidu l-effiċjenza u l-kwalità tal-kontrolli u tal-awditi bl-għajjnuna tad-diġitalizzazzjoni u tat-teknoloġiji emerġenti** bħall-apprendiment awtomatiku, l-awtomatizzazzjoni tal-proċess robotiku u l-intelliġenja artifiċjali. Id-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi se tkun ukoll suġġett għar-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni li jakkumpanja l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS) imwettqa fl-2023<sup>6</sup>.

---

<sup>3</sup> COM(2022) 223 final, 16.5.2022

<sup>4</sup> F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1) u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295/39 21.11.2018).

<sup>5</sup> Għal ħarsa ġenerali dettaljata lejn id-deċiżjonijiet meħudin mill-Bord fl-2022, ara "Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) — Bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju" li jakkumpanja dan ir-rapport.

<sup>6</sup> Ara t-taqsimha 2.4.

## 2.2. Implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tappoġġa l-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti indikati fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Ir-Regolament RRF jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-fondi jikkonforma mal-liġijiet nazzjonali u tal-UE applikabbli. Għalhekk, l-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu sistemi ta' kontroll effettivi u effiċjenti u li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea rilevanti kollha, inklużi r-regoli dwar l-akkwist u l-għajjnuna mill-Istat. L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li dawn ir-riżorsi jkunu protetti mill-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interessi (iddefiniti bħala "irregolaritajiet serji") u l-finanzjament doppju<sup>7</sup>.

Il-Kummissjoni vvalutat dawn is-sistemi ta' kontroll qabel l-approvazzjoni tal-pjanijiet u sussegwentement wettqet awditi tas-sistema<sup>8</sup>.

L-istrateġija tal-verifika tal-Kummissjoni tipprevedi għal dawn il-verifiki tas-sistema tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri kollha. FI-2022, il-Kummissjoni wettqet 16-il awditu tas-sistema mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE<sup>9</sup>.

Dawn l-awditi tas-sistema jkopru s-16-il korp ta' koordinazzjoni u 48 korp ta' implimentazzjoni, bħal ministeri u aġenziji. Sa tmiem l-2023, l-Istati Membri kollha se jkunu ġew awditjati mill-inqas darba. Matul l-ewwel trimestru tal-2023 saru ħames kompiti ta' awditjar. Il-korpi awditjati ntgħażlu abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju.

Abbażi tal-ħidma attwali tal-awditjar, il-Kummissjoni identifikat varjazzjonijiet fil-mod kif il-korpi ta' implimentazzjoni u ta' koordinazzjoni awditjati differenti jimplementaw sistemi ta' kontroll intern.

L-awditi tal-RRF identifikaw prattiki tajbin fost xi korpi ta' implimentazzjoni, bħall-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' persunal sensitiv, proċeduri għall-identifikazzjoni ta' frodi u korruzzjoni possibbli, b'mod partikolari l-użu ta' għodod ta' estrazzjoni tad-*data*, proċeduri għall-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess possibbli, u proċeduri għall-verifika ta' finanzjament doppju possibbli qabel id-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet.

Il-kwistjonijiet ewlenin li nqalgħu jikkonċernaw nuqqas ta' koordinazzjoni/superviżjoni suffiċjenti mill-korpi ta' koordinazzjoni, strateġiji mhux kompluti kontra l-frodi, elementi nieqsa fil-valutazzjonijiet tar-riskju ta' frodi, ħtieġa ta' titjib tal-kontrolli *ex ante* mmirati lejn il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, parteċipazzjoni baxxa fl-attivitajiet ta' taħriġ maħsuba biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-frodi, u nuqqasijiet fir-rapportar ta' irregolaritajiet lill-OLAF għal investigazzjoni possibbli. Il-Kummissjoni qiegħda toħroġ rakkomandazzjonijiet u l-Istati Membri qablu dwar l-iskadenzi għall-implimentazzjoni biex isolvu dawk il-kwistjonijiet.

## 2.3. Traspożizzjoni tad-Direttiva PIF – is-sitwazzjoni attwali

Fil-5 ta' Lulju 2017, ġiet adottata d-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (id-Direttiva PIF)<sup>10</sup>. L-iskadenza għat-

---

<sup>7</sup> FI-2021, il-Europol, l-OLAF, l-UPPE, il-Eurojust u 21 Stat Membru nqasdu bħala parti mill-Operazzjoni SENTINEL biex jantiċipaw il-mewġa mistennija ta' frodi li taffettwa l-fondi ta' rkupru. Għal aktar dettalji ara r-[Rapport PIF tal-2021, stampa 11, p. 28](#).

<sup>8</sup> Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-pjanijiet, ara r-[Rapport PIF tal-2021, it-taqsim 5.3](#).

<sup>9</sup> Spanja, is-Slovakkja, l-Estonja, id-Danimarka, il-Greċja, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Litwanja, Malta, is-Slovenja, il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja u l-Polonja.



traspożizzjoni tad-Direttiva skadiet fis-6 ta' Lulju 2019. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tindirizza kwistjonijiet pendenti ta' konformità f'ċerti Stati Membri<sup>11</sup>.

Sa tmiem l-2022<sup>12</sup>, tnedew proċeduri ta' ksur għal traspożizzjoni skorretta tad-Direttiva kontra 18-il Stat Membru.

Flimkien maċ-Ċekja, li l-proċedura ta' ksur tagħha ngħalqet fl-2022, bosta minn dawn il-pajjiżi kienu mistennija li jkunu f'konformità sħiħa mad-Direttiva PIF fix-xhur li ġejjin.

## **2.4. Reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni li jakkumpanja l-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi**

Is-CAFS kurrenti, adottata fl-2019, ffitex li ttejjeb ulterjorament il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u s-sanzjonar tal-frodi, u tipprovdi qafas għall-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tnaqqas il-livell ta' frodi kontra l-baġit tal-UE. Din hija akkumpanjata minn pjan ta' azzjoni bi 63 azzjoni indirizzati lill-Kummissjoni, li minnhom 60 kienu tlestew sa tmiem l-2022 (jew, meta jkunu ta' natura kontinwa, ikunu għadhom għaddejjin). Sabiex jiġu żgurati sforzi sostnuti kontra l-frodi min-naħa tal-Kummissjoni u jiġu indirizzati sfidi ġodda, l-OLAF beda t-tħejjijiet għal reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni fl-2022.

## **2.5. Il-programm tal-UE kontra l-frodi**

Il-Programm tal-UE kontra l-Frodi (UAFP), b'baġit ta' EUR 181 miljun għall-perjodu 2021-2027, jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-protezzjoni mill-Istati Membri tal-interessi finanzjarji tal-UE; għall-organizzazzjoni ta' assistenza u kooperazzjoni amministrattiva reċiproka f'materji doganali u agrikoli (il-komponent AFIS); u għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) għar-rapportar ta' irregolaritajiet mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni ta' Finanzjament tal-2022 allokat EUR 15,4-il miljun għall-komponent Hercule, EUR 9 miljun għall-komponent AFIS u madwar EUR 1 miljun għall-komponent IMS. Il-fondi disponibbli ġew implimentati b'suċċess fl-2022, bl-użu tad-diversi strumenti ta' finanzjament disponibbli:

- Ġew ippubblikati u evalwati żewġ sejħiet għal proposti, bi 38 għotja mogħtija lill-awtoritajiet, lill-universitajiet u lill-istituti tar-riċerka tal-Istati Membri;
- Il-programm iffinanzja wkoll diversi attivitajiet għall-benefiċċju tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, bħal taħriġ forensiku u analist speċjalizzat u aċċess għal bażijiet tad-*data* kummerċjali;
- Ġew konklużi arranġamenti amministrattivi maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li jipprovdi appoġġ analitiku speċjalizzat għar-riċerka dwar metodi ġodda għall-identifikazzjoni ta' frodi doganali potenzjali u, kif xieraq, l-iżvilupp ta' għodod tal-IT

---

<sup>10</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017. p. 29–41)

<sup>11</sup> Ara t-[taqsima 5.1 tar-Rapport PIF tal-2021](#).

<sup>12</sup> Mill-10 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni fetħet proċedimenti ta' ksur kontra 20 Stat Membru għal traspożizzjoni skorretta tad-Direttiva. Minn dawn l-20 proċediment, fl-2023, inbdew tnejn (il-Bulgarija u l-Polonja), ingħalaq wieħed (iċ-Ċekja) u, f'każ ieħor (il-Finlandja), il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat opinjoni motivata. Għas-16 li jifdal (il-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Lussemburgu, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja, is-Slovenja u s-Slovakkja), il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tivvaluta t-tweġibiet għall-ittri ta' avviżi formali li rċeviet mill-Istati Membri.

assoċjati għall-awtoritajiet tal-Istati Membri (eż. għodda awtomatizzata ta' monitoraġġ, analitika tal-moviment tal-kontejners, u analiżi tat-tabakk).

## **2.6. Il-Programmi tal-UE dwar id-Dwana u t-Tassazzjoni**

### **2.6.1. Il-programm Fiscalis**

Il-programm Fiscalis għandu l-għan li jappoġġa lill-awtoritajiet tat-taxxa biex itejbu l-funzjonament tas-suq intern, irawmu l-kompetittività, jiġġieldu l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa u jtejbu l-għbir tat-taxxa, u b'hekk jgħinu biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri u tal-kontribwenti. Il-programm jappoġġa lill-awtoritajiet rilevanti biex jimplementaw id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni billi jiżgura l-iskambju ta' informazzjoni, jappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva u jgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-awtoritajiet tat-taxxa u l-kostijiet ta' konformità għall-kontribwenti meta jkun meħtieġ.

Fl-2022, il-programm Fiscalis kompli l-attivitajiet tiegħu fil-qasam tat-tassazzjoni, inkluż fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali. Pereżempju, il-programm iffinanzja attivitajiet li jappoġġaw l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni, li jippermettu lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jindirizzaw il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

### **2.6.2. Il-Programm doganali**

Il-Programm doganali tal-UE jappoġġa l-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi ċentrali tal-IT għad-dwana fl-Unjoni Ewropea. Il-programm għandu l-għan li jipproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha,

Fl-2022, il-Programm doganali kompli bl-attivitajiet tiegħu f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, u bl-għan li jappoġġa l-funzjonament bla xkiel tal-unjoni doganali. B'mod partikolari, f'termini ta' sistemi tal-IT, fl-2022, bdiet topera s-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali 2 (CRMS), li tippermetti skambju f'ħin reali ta' informazzjoni relatata mar-riskju bejn l-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri, tiffaċilita titjib kbir fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar ir-riskju u l-komunikazzjoni bejn l-esperti tal-Istati Membri li jittrattaw ir-riskji u l-ġestjoni tar-riskju.

### **2.6.3. Il-programm tal-Istrument tat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali**

L-Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali (CCEI) jappoġġa x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir ta' kontroll doganali għal spezzjoni mhux intrużiva, l-identifikazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq il-bnedmin, l-identifikazzjoni tar-radjazzjoni, l-identifikazzjoni tan-nuklidi, l-analiżi tal-kampjuni fil-laboratorji, il-kampjunar u l-analiżi fuq il-post tal-kampjuni, flimkien ma' għodod tat-tfittxija li jinżammu fl-idejn u tipi oħrajn ta' tagħmir innovattiv tat-teknoloġija ta' skoperta mhux intrużiva.

Fl-2022, l-għotjiet iffirmati taħt l-ewwel Programm ta' Ħidma Pluriennali tas-CCEI impenjaw EUR 273,5 miljun ta' finanzjament tal-UE għall-kofinanzjament tax-xiri, il-manutenzjoni, u l-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku f'punti ta' qsim tal-fruntiera u f'laboratorji doganali madwar l-Unjoni.

## 2.7. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Rapport PIF tal-2021

Fid-19 ta' Jannar 2023, il-Parlament Ewropew adotta r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE għas-sena 2021<sup>13</sup>.

Ir-Riżoluzzjoni laqgħet l-isforzi tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u rakkomandat azzjoni ulterjuri f'varjetà ta' oqsma relatati mal-ġlieda kontra l-frodi. Ir-riżoluzzjoni nnotat li l-Parlament għandu jkollu rwol sinifikanti fil-governanza tal-RRF u talbet li tissaħħaħ id-diġitalizzazzjoni, li jkun hemm interoperabbiltà tas-sistemi tad-*data* u armonizzazzjoni tal-monitoraġġ u r-rapportar fl-UE. Il-Parlament enfasizza theddid kbir għall-baġit tal-UE, bħall-kriminalità transfruntiera organizzata u l-korruzzjoni. Talab ukoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tistabilixxi korp tal-etika interistituzzjonali, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kontroll intern tagħha u tintroduċi "perjodu ta' preklużjoni" biex tindirizza l-fenomeni ta' "revolving door". Il-Parlament enfasizza r-rwol tal-OLAF, tal-UPPE, tal-Eurojust u tal-Europol fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni u tenna l-appell tiegħu biex jiġu żgurati riżorsi adegwati. Il-Parlament talab lill-Kummissjoni tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura t-traspożizzjoni effettiva tad-Direttiva PIF, tad-Direttiva (UE) 2018/843 ("il-ħames Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus")<sup>14</sup> u tad-Direttiva (UE) 2019/1937 ("id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi")<sup>15</sup>. Il-Parlament saħaq li l-fondi li jintnefqu f'pajjiżi mhux tal-UE għandhom ikunu kkontrollati aħjar.

### **Stampa 1 - ir-rispons tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-PE**

Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni f'diversi oqsma koperti mir-riżoluzzjoni. Ir-riformulazzjoni proposta tar-Regolament Finanzjarju<sup>16</sup> tfittex li ttejjeb il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, anke permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi. Kif imħabbar mill-President von der Leyen<sup>17</sup>, il-Kummissjoni dan l-aħħar ippreżentat pakkett komprensiv kontra l-korruzzjoni<sup>18</sup> bl-għan li tiġi evitata l-korruzzjoni u tinbena kultura ta' integrità, jiġu armonizzati d-definizzjonijiet ta' reati kriminali, jiżdied il-livell ta' sanzjonijiet kriminali u jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjoni effettivi tal-korruzzjoni (inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE). Il-Kummissjoni ressqet proposta<sup>19</sup> għal ftehim konġunt biex jiġi stabbilit Korp interistituzzjonali tal-Etika. L-UPPE rċieva persunal addizzjonali sabiex jindirizza ż-żieda fl-ammont ta' xogħol. L-OLAF se jwettaq eżerċizzju ta' mmappjar tas-Servizzi ta' Koordinazzjoni kontra l-Frodi (AFCOS) fl-2023 sabiex jivvaluta x'azzjonijiet ulterjuri huma meħtieġa biex jissaħħu u jekk dawn humiex meħtieġa<sup>20</sup>.

<sup>13</sup> Fajl ta' proċedura [2022/2152\(INI\)](#)

<sup>14</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43–74)

<sup>15</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305 26.11.2019, p. 17)

<sup>16</sup> Ara t-taqsim 2.1.

<sup>17</sup> Indirizz tal-Istat tal-Unjoni fl-14 ta' Settembru 2022.

<sup>18</sup> It-3 ta' Mejju 2023.

<sup>19</sup> COM(2023)311 final tat-8 ta' Ġunju 2023.

<sup>20</sup> Aktar informazzjoni fit-tweġiba uffiċjali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew.

## **2.8. Inizjattivi oħrajn**

### **2.8.1. Klawżoli kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali**

Id-dispożizzjonijiet xierqa kontra l-frodi fil-ftehimiet internazzjonali li l-UE tikkonkludi mas-sħab kummerċjali tagħha jagħtu kontribut ewlieni għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Fl-2022, il-Kummissjoni nnegozjat dispożizzjonijiet ta' assistenza amministrattiva reċiproka (MAA) u miżuri effettivi kontra l-frodi f'erba' ftehimiet internazzjonali<sup>21</sup>.

### **2.8.2. It-Tieni Pjan ta' Azzjoni biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu tat-tabakk**

Fl-2022, il-Kummissjoni u l-OLAF lestew l-implimentazzjoni tad-49 azzjoni inklużi fit-tieni Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk 2018-2022.

### **2.8.3. Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu**

Il-frodi kontra l-baġit tal-UE tista' tkun ukoll prekursor ta' reat predikat għal reati oħrajn. B'hekk, anke jekk ma jkunx relatat direttament mal-protezzjoni tal-baġit tal-UE, il-qafas legali tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML) u l-finanzjament tat-terroriżmu<sup>22</sup> jista' jsir rilevanti f'dan il-kontest. Il-Kummissjoni tkompli ssaħħa l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika tal-AML u tistinka biex tistabbilixxi kooperazzjoni u skambji tajbin ta' informazzjoni mal-awtorità tal-AML li ġejja.

## **3. MIŻURI TAL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE**

### **3.1. Strateġiji nazzjonali kontra l-frodi**

Wara li l-Kummissjoni inkoraġġiet b'mod sostnut lill-Istati Membri biex jadottaw strateġiji nazzjonali kontra l-frodi (NAFS), fl-2022, tliet Stati Membri biss indikaw li ma għandhom l-ebda strateġija għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. L-approċi meħuda mill-24 Stat Membru l-oħrajn varjaw ħafna<sup>23</sup>.

15-il Stat Membru għandhom NAFS stabbilit. Ħamsa rrapportaw li kienu fil-proċess tal-abbozzar ta' wieħed jew kienu waslu biex jadottaw wieħed, filwaqt li erba' Stati Membri addizzjonali indikaw li għandhom strateġija alternattiva fis-seħħ<sup>24</sup>.

---

<sup>21</sup> L-Awstralja, l-Indoneżja, l-Indja u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà.

<sup>22</sup> [https://finance.ec.europa.eu/financial-crime/eu-context-anti-money-laundering-and-counter-funding-terrorism\\_en](https://finance.ec.europa.eu/financial-crime/eu-context-anti-money-laundering-and-counter-funding-terrorism_en). Meta kien qiegħed jitħejja dan ir-rapport, l-Istati Membri kollha rrapportaw traspożizzjoni sħiħa tal-ħames direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (id-Direttiva tal-UE 2018/843) dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

<sup>23</sup> L-informazzjoni nġabret permezz ta' kwestjonarju dedikat. Ara d-dokument "Miżuri adottati mill-Istati Membri biex jimplementaw l-Artikolu 325 tat-TFUE" li jakkumpanja dan ir-rapport.

<sup>24</sup> L-approċ tal-Ġermanja, ibbażat fuq strateġiji reġjonali u settorjali, ikopri l-koeżjoni, l-RRF, u oqsma oħrajn. Ċipru u l-Iżvezja għandhom strateġija kontra l-korruzzjoni li tkopri wkoll l-interessi finanzjarji tal-UE, filwaqt li s-Slovenja fasslet strateġija speċifika għall-RRF

**Illustrazzjoni 1: Ħarsa ġenerali lejn it-tip ta' strateġija kontra l-frodi segwita mill-Istati Membri u l-oqsma li jkopru**

Tip	Stat Membru																											
	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	ES	FI	FR	GR	HR	HU	IE	IT	LT	LU	LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK	
AFS Nazzjonali																												
AFS Reġjonali																												
Settorali nazzjonali																												
Settorali reġjonali																												
Kontra l-korruzzjoni																												
Oħrajn																												
<b>Qasam</b>																												
Koeżjoni																												
Agrikoltura																												
Sajd																												
Dwana																												
VAT																												
RRF																												
Oħrajn																												

IVA, NAFS		IVA
IVA, AFS oħrajn		LE
LE, iżda qed tiżviluppa		
LE, ebda pjani		

Disgħa minn 15-il NAFS kienu trażversali, li jkopru bis-sħiħ l-interessi finanzjarji tal-UE. L-istrateġiji nazzjonali l-oħrajn jieħdu approċċi differenti, billi jimmiraw lejn setturi speċifiċi jew multipli, bħan-nefqa (għestjoni kondiviża u RRF), id-dwana jew il-VAT.

Il-ħames Stati Membri kollha fejn il-proċess tal-istabbiliment ta' NAFS kien għadu għaddejj indikaw li l-istrateġiji tagħhom ikunu trażversali.

### 3.2. Miżuri kontra l-frodi adottati fil-livell nazzjonali

Fl-2022, l-Istati Membri rrapportaw 72 miżura sabiex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE. Fost it-72 miżura adottati, 52 kienu miżuri “uniċi”, filwaqt li 20 kienu pakketti komprensivi<sup>25</sup>.

Il-miżuri kienu prinċipalment ta' natura settorjali, li jindirizzaw b'mod partikolari n-nefqa ta' għestjoni kondiviża (politiki agrikoli, tas-sajd u ta' koeżjoni) u l-RRF. Dawn kienu maħsuba l-aktar biex jipprevjenu u jidentifikaw frodi u irregolaritajiet oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. It-temi rikorrenti kienu jinkludu t-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi), l-RRF, u l-kooperazzjoni mal-UPPE.

<sup>25</sup> Il-miżuri PIF adottati mill-Istati Membri ġew irrapportati minnhom abbażi ta' sħarriġ dedikat. Il-miżuri bbażati fuq “att” wieħed jissejġu “miżuri uniċi” biex jiddistingwuhom minn daww implimentati abbażi ta' pakkett ta' atti differenti (legali jew amministrattivi) jew inizjattivi ta' politika. Għal ħarsa ġenerali sħiħa u deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri miġbura fil-qosor f'din it-taqsim, ara “Miżuri adottati mill-Istati Membri biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE fl-2022” li jakkumpanjaw dan ir-rapport.

**Illustrazzjoni 2 – Sommarju tal-miżuri rrapportati mill-Istati Membri fl-2022**

Stat Membru	Miżuri adottati
L-Awstrija	Komplet taġġorna l-miżuri amministrattivi tagħha kontra l-frodi, filwaqt li ffokat fuq il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' frodi kontra l-politika Ewropea ta' koeżjoni u l-fondi agrikoli.
Il-Belġju	Stabbilixxa tliet miżuri kontra l-frodi. Filwaqt li l-miżura leġiżlattiva settorjali ffukat fuq l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-frodi, il-pakkett leġiżlattiv irrapportat jaqsam is-setturi, u jrawwem il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi. L-unika miżura mhux leġiżlattiva rrapportata mill-Belġju kienet aġġornament organizzazzjonali għall-ġestjoni tal-fondi RRF f'Wallonia, li jsaħħaħ l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-frodi kontribom.
Il-Bulgarija	L-azzjoni kontra l-frodi kienet fil-biċċa l-kbira leġiżlattiva, li tkopri ċ-ċiklu kollu kontra l-frodi. Ġew adottati żewġ aġġornamenti leġiżlattivi, l-ewwel wieħed b'enfasi fuq il-fondi agrikoli, tas-sajd, tal-koeżjoni, tal-FEAD, u tal-AMIF, u t-tieni trażversali. It-tielet miżura leġiżlattiva ġiet akkoppjata ma' bidliet amministrattivi mmirati lejn il-protezzjoni komprensiva tal-fondi RRF tal-UE.
Il-Kroazja	Żewġ miżuri trażversali, waħda leġiżlattiva, li tiżgura l-konfiska ta' rikavati kriminali, u l-oħra operazzjonali, li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UPPE; kif ukoll bidliet operazzjonali fil-ġestjoni tal-fondi ta' koeżjoni bl-użu tal-Arachne. Flimkien, dawn ikopru ċ-ċiklu kollu ta' kontra l-frodi.
Ċipru	Miżura leġiżlattiva mmirata lejn il-protezzjoni aħjar tal-informaturi, it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi fil-liġi domestika, u b'hekk tagħti spinta lill-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-frodi. It-tieni miżura leġiżlattiva ffukat fuq it-trawwim tal-integrità u t-trasparenza fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, li jkopru l-istadji kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi. L-RRF u diversi partijiet ikkonċernati huma fil-mira tal-pakkett adottat minn Ċipru, li għandu l-għan li jipprevjeni l-frodi.
Ir-Repubblika Ċeka	Tliet miżuri operazzjonali settorjali, immirati lejn l-istadji kollha minbarra l-identifikazzjoni tal-frodi. L-ewwel miżura operazzjonalizzata l-infurzar tas-sanzjonijiet tal-UE kontra l-Federazzjoni Russa, u tejbet il-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-flussi ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet Ċeki. It-tieni għaqqdet ir-reġistru tas-sidien benefiċjarji mas-sistemi ta' informazzjoni użati fil-ġestjoni tal-fondi tas-sajd u tal-koeżjoni, u t-tielet ikkompletat id-dokumenti metodoloġiċi kollha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027.
Id-Danimarka	L-ewwel miżura fittxet li tipprevjeni u tiskopri aħjar il-frodi kontra l-fondi tal-politika ta' koeżjoni billi ttejjeb id-data użata mill-Awtorità tan-Negożju Daniża. It-tieni saħħet dawn l-oġettivi billi ssalvagwardjat l-applikazzjoni korretta tar-regoli dwar ir-remunerazzjoni. It-tielet fittxet li żżid il-kapaċità tal-aġenzija agrikola tal-pajjiż kontra l-frodi u kontra l-evażjoni.
L-Estonja	L-azzjoni kontra l-frodi kienet iffukata fuq il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi. Min-naħa tad-dħul, l-Estonja ħolqot għodda tal-IT li tqabbel il-prezzijiet iddikjarati u l-prezzijiet elenkati fl-għodda. It-tieni miżura awtomatikament torbot il-proċeduri tal-akkwist pubbliku mal-fatturi mħallsa, u b'hekk tagħti spinta lill-kontroll. It-tielet, l-Estonja aġġornat il-katalgu tagħha ta' attivitajiet ta' taħriġ kontra l-frodi.
Il-Finlandja	Żewġ miżuri, it-tnejn primarjament immirati lejn it-tiżiħ tal-prevenzjoni tal-frodi, b'mod trażversali u fir-rigward tal-fondi RRF. L-ewwel miżura kienet tinkludi linji gwida għat-trażżin tal-korruzzjoni fl-amministrazzjoni ċentrali tal-Istat, li tmexxi u tissorvelja l-ġestjoni tal-fondi tal-UE. It-tieni miżura kienet tikkonċerna sessjonijiet

	ta' taħriġ dwar il-prevenzjoni tal-frodi għall-RRF.
<b>Franza</b>	Tliet miżuri li kollha jkopru l-identifikazzjoni tal-frodi. L-ewwel miżura allinjat il-liġi Franċiża mad-dritt tal-Unjoni dwar l-informaturi u l-protezzjoni ta' għom b' mod ġenerali. It-tieni azzjoni, li wkoll kienet trażversali, kienet tikkonċerna ftehim ta' taħriġ u korsijiet ta' taħriġ speċjali mal-UPPE. It-tielet miżura mmirat speċifikament lejn l-RRF u stabbiliet task force għall-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tar-riskji ta' frodi.
<b>Il-Ġermanja</b>	Tliet miżuri fil-biċċa l-kbira kellhom l-għan li jipprevjenu l-frodi kontra l-fondi tal-UE, inklużi l-fondi agrikoli, tas-sajd u ta' koeżjoni, iżda mmiraw ukoll lejn it-tliet stadji li jifdal taċ-ċiklu ta' kontra l-frodi. Dawn ivarjaw minn dokument ta' strateġija ġdida għal aġġornament strateġiku u għodda aġġornata ta' awtovalutazzjoni.
<b>Il-Greċja</b>	Tliet miżuri leġiżlattivi li jimmaraw l-aktar lejn l-istadji bikrija taċ-ċiklu ta' kontra l-frodi. L-ewwel waħda kienet trażversali filwaqt li t-tnejn l-oħrajn iffukaw fuq l-RRF, il-fondi agrikoli u tas-sajd. Il-miżura trażversali ttrasponiet id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi fil-liġi Griega. It-tieni żiedet unità dedikata għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni, għall-irkupru tal-frodi u għas-sanzjonijiet kontrihom mal-Aġenzija Griega għall-Koordinazzjoni tal-RRF. It-tielet miżura segwiet rakkomandazzjoni tal-UE, li tissepara l-kontrolli amministrattivi mill-kontrolli fuq il-post taħt il-ġestjoni tal-fondi agrikoli u tas-sajd.
<b>L-Ungerija</b>	Tliet miżuri, li jiffokaw primarjament fuq il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi. L-ewwel waħda timplimenta n-notifika tal-Kummissjoni sottomessa lill-Ungerija skont il-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità, li huwa relatat mas-sistema tal-akkwist pubbliku tal-pajjiż, permezz ta' leġiżlazzjoni ġdida u aġġornament operazzjonali. It-tieni saħħet il-kooperazzjoni bejn l-Ungerija u l-OLAF dwar l-investigazzjonijiet. It-tielet kellha fil-mira bosta fondi u kienet tinvolvi passi leġiżlattivi, organizzazzjonali u operazzjonali ġodda, li jistabbilixxu l-bażi għal żewġ korpi li se jikkontrollaw il-fondi tal-UE.
<b>L-Irlanda</b>	Żewġ miżuri organizzazzjonali rawmu azzjoni bir-reqqa kontra l-frodi fl-istadji kollha taċ-ċiklu fil-ġestjoni tal-fondi agrikoli u tas-sajd. L-ewwel miżura tejbet ir-reġistru tal-frodi, filwaqt li t-tieni stabbiliet soluzzjoni tal-IT għal dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess.
<b>L-Italja</b>	Tliet miżuri ffukaw fuq id-dħul, li jkopru l-istadji kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi. L-ewwel waħda għandha l-għan li tnaqqas l-evażjoni tat-taxxa u l-ħasil tal-flus marbuta mad-dħul ta' oġġetti Ċiniżi mhux iddikjarati biżżejjed fit-territorju tal-UE. It-tieni waħda kienet tikkonċerna pjan li għandu fil-mira l-frodi doganali u tal-VAT. It-tielet allinjat il-liġi Taljana mad-dritt tal-Unjoni dwar il-konfiska tal-assi.
<b>Il-Latvja</b>	Tliet miżuri maħsuba biex itejbu l-identifikazzjoni tal-frodi, b' mod trażversali u fir-rigward tal-frodi tat-taxxa. L-ewwel miżura hija relatata ma' għodda tal-IT użata biex tfittex sinjali indikattivi fil-kontrolli u l-verifiki tad-dħul u tan-nefqa. It-tieni waħda kienet tikkonċerna kors ta' taħlim elettroniku dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, it-taħriġ disponibbli madwar il-pajjiż kollu, u t-tielet waħda kienet tinvolvi taħriġ dwar il-bini tal-kapaċitajiet għall-persunal tad-dħul u l-kontroll.
<b>Il-Litwanja</b>	Mhux disponibbli
<b>Il-Lussemburgu</b>	Żewġ miżuri jkopru l-istadji kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi. L-ewwel ġabet il-liġi Lussemburgiża dwar l-assistenza reċiproka u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mal-istandards internazzjonali, filwaqt li t-tieni waħda kienet relatata mal-qafas li jirfed l-RRP tal-pajjiż.
<b>Malta</b>	Miżura trażversali waħda mmirata lejn il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi: l-



	ewwel Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali tal-pajjiż dwar il-frodi u l-korruzzjoni.
<b>In-Netherlands</b>	L-ewwel miżura, trażversali, tiżgura li l-leġiżlazzjoni futura tkun infurzabbli u verifikabbli qabel ma ssir effettiva. It-tieni azzjoni tejbet ir-rapportar tan-Netherlands dwar ir-riżorsi proprji tradizzjonali. It-tielet miżura kienet qafas aġġornat ta' valutazzjoni tar-riskju ta' frodi għall-fondi tas-sajd.
<b>Il-Polonja</b>	Tliet miżuri ffukaw fuq il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi fid-dħul mit-taxxa, fil-fondi ta' koeżjoni u agrikoli. L-ewwel waħda toħloq sistema nazzjonali ta' fatturazzjoni elettronika. It-tieni miżura stabbiliet għodda tal-IT użata għall-kontrolli tal-proġetti tal-UE. It-tielet azzjoni stabbiliet prattiki għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess fost il-persunal fil-Ministeru għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.
<b>Il-Portugall</b>	Tliet pakketti operazzjonali kontra l-frodi, li jikkonċernaw id-dwana, it-taxxi, varjetà ta' fondi, u l-fondi agrikoli u tas-sajd. L-ewwel wieħed aġġorna l-pjan strateġiku għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u tad-dazju doganali. It-tieni wieħed aġġorna n-NAFS, u t-tielet aġġorna l-istrateġija għall-kontrolli tal-kwalità ex ante tal-finanzjament agrikolu u tas-sajd.
<b>Ir-Rumanija</b>	Tliet miżuri leġiżlattivi indirizzaw l-istadji kollha taċ-ċiklu ta' kontra l-frodi, iżda b'mod partikolari l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi, b'mod trażversali, fir-rigward tal-RRF, u fir-rigward ta' diversi fondi. L-ewwel azzjoni, trażversali, kienet tikkonċerna t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi fil-liġi domestika. L-azzjoni tal-RRF irregolat l-infiq tal-fondi, kif għamel it-tielet miżura fir-rigward ta' fondi multipli tal-UE.
<b>Is-Slovakkja</b>	Tliet miżuri li jolqtu l-istadji kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi. L-ewwel miżura emendat ir-regoli li jirregolaw id-distribuzzjoni tal-fondi tas-sajd, tal-koeżjoni u tal-migrazzjoni u tal-ażil. It-tieni waħda kienet ftehim ta' kooperazzjoni li jiddefinixxi l-kontribut futur tal-awtoritajiet rilevanti lejn awditjar aktar effettiv tal-fondi, u t-tielet aġġornat id-distribuzzjoni tal-fondi RRF.
<b>Is-Slovenja</b>	L-ewwel miżura ffukat fuq il-frodi tat-taxxa u t-tishiġ doganali, b'mod partikolari l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi. It-tieni miżura emendat il-proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ fir-rigward tal-fondi tas-sajd. It-tielet stabbiliet manwal għall-implimentazzjoni tal-RRF min-naħa tal-korp ta' koordinazzjoni tiegħu.
<b>Spanja</b>	L-ewwel miżura toħloq regoli ġodda dwar informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra relatata mal-frodi. It-tieni waħda kienet tinkludi ftehim ta' skambju ta' informazzjoni f'awtoritajiet rilevanti varji. It-tielet, speċifika għall-RRF, stabbiliet regoli għall-analiżi sistematika tar-riskji ta' kunflitt ta' interess.
<b>L-Iżvezja</b>	Tliet miżuri trażversali koprew l-istadji kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi. L-ewwel waħda hija preparatorja għall-Iżvezja li tingħaqad mal-UPPE. It-tieni waħda kienet relatata mal-attivitajiet ta' korp li huwa ddedikat biss għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. It-tielet kienet immirata lejn it-tnaqqis tal-abbuż tas-sussidji u r-rati ta' frodi u ta' evażjoni tal-VAT.



### 3.3. Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2021 mill-Istati Membri

Fir-Rapport PIF tagħha tal-2021, il-Kummissjoni għamlet erba' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri, li jkopru: a) it-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva PIF; b) il-parteċipazzjoni fl-UPPE; c) id-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi; u d) it-tisħiħ tal-analiżi tar-riskju tal-frodi<sup>26</sup>.

Is-sitwazzjoni li tikkonċerna d-Direttiva PIF hija deskritta fit-[taqsima 2.3](#).

Fir-rigward tal-parteċipazzjoni fl-UPPE, l-Iżvezja indikat li kienet għaddejja aktar preparazzjoni leġiżlattiva fl-2022 bil-ħsieb ta' sħubija futura.

Fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi, Arachne kienet bil-bosta l-aktar sistema tal-IT użata b'mod wiesa' (minn 21 Stat Membru), b'appoġġ għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u għall-RRF. Bosta Stati Membri użaw l-ġhodod tal-IT dedikati tagħhom stess kontra l-frodi, spiss flimkien mal-ġhodod tal-UE, għalkemm dawk l-ġhodod rarament kienu interoperabbli.

F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri integraw dawn l-ġhodod tal-IT fil-ġlieda tagħhom kontra l-frodi sabiex jarrikkixxu d-*data* u jirfinaw il-bnadar ħomor, l-indikaturi tar-riskju u l-punteġġi.

#### Illustrazzjoni 3: Ġhodod tal-IT użati mill-Istati Membri

Sistema tal-IT	Stat Membru																											
	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	ES	FI	FR	GR	HR	HU	IE	IT	LT	LU	LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK	
UE																												
SM																												

IVA, livell tal-UE	
IVA, livell tal-SM	
LE	

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni tal-Istati Membri kienet li d-diġitalizzazzjoni tat spinta lill-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi u lill-proċeduri amministrattivi ssimplifikati. Pajjiżi bħall-Finlandja, li kienu jiddependu fuq ġhodod mhux tal-UE, irrapportaw li l-piż potenzjali tal-aġġustament tal-liġijiet domestiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* biex jiġi akkomodat l-użu ta' Arachne, pereżempju, kien qiegħed iżommhom milli jagħmlu dan.

Fir-rigward tat-tisħiħ tal-analiżi tar-riskju, 14-il Stat Membru qiesu li kienu implimentaw din ir-rakkomandazzjoni bis-sħiħ, tennew l-approċċ proattiv tagħhom għall-ġlieda kontra l-frodi kontra l-baġit tal-UE u ppreżentaw inizjattivi riċenti. Min-naħa tad-dħul, l-Istati Membri enfasizzaw id-Deċiżjoni dwar il-Kriterji tar-Riskji Finanzjarji<sup>27</sup>, li tappoġġa ġhodod tal-IT fil-livell nazzjonali u tal-UE bħas-CRMS u l-AFIS, li għenet lill-awtoritajiet tat-taxxa u dawk doganali biex jiġbru u jarrikkixxu *data* minn varjetà ta' sorsi u biex jiskambjaw id-*data* fost l-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE. Min-naħa tan-nefqa, l-Istati Membri enfasizzaw ċerti sistemi ta' ġestjoni tar-riskju ta' frodi speċifiċi għall-kuntest żviluppanti mill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-fondi tal-UE, kif ukoll koordinazzjoni tal-ogħla livell<sup>28</sup>, l-użu ta' ġhodod tal-IT bħall-Arachne, u taħriġ dedikat.

<sup>26</sup> Għal ħarsa ġenerali sħiħa u deskrizzjoni dettaljata tal-azzjonijiet ta' segwitu miġbura fil-qosor f'din it-taqsima, ara "Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2021 mill-Istati Membri" li jakkumpanjaw dan ir-rapport.

<sup>27</sup> C(2018)3293 final.

<sup>28</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, Malta u s-Slovakkja.

L-Istati Membri li indikaw implimentazzjoni parzjali (12) irrapportaw miżuri simili, iżda jew għad-dħul jew għan-nefqa.

#### 4. ĠLIEDA KONTRA L-IRREGOLARITAJIET, IL-FRODI, IL-KORRUZZJONI U L-KUNFLITT TA' INTERESSI LI HUMA TA' ĦSARA GĦALL-BAĠIT TAL-UE

##### 4.1. Ħarsa ġenerali


Mil-lat operazzjonali, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE kontra frodi, irregolaritajiet u attivitajiet illeċiti oħrajn hija fdata lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-OLAF u lill-UPPE.

Din it-taqsimha fiha *data* dwar l-irregolaritajiet u l-frodi identifikati rrapportati mill-Istati Membri, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati man-nefqa diretta<sup>29</sup>. Tingħata wkoll informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet tal-OLAF u tal-UPPE<sup>30</sup>.

Total ta' 12 455 irregolarità, li jinvolvu madwar EUR 1,77 biljun, ġew irrapportati fl-2022. Kien hemm żieda żgħira fl-irregolaritajiet irrapportati meta mqabbla mal-2021 (+7 %), filwaqt li l-ammonti relatati naqsu (-13 %).

L-għadd ta' irregolaritajiet frawdolenti rrapportati kien ta' 1 139 fl-2022 (+2 % meta mqabbel mal-2021), li baqa' bejn wieħed u ieħor stabbli matul l-aħħar 5 snin. L-ammonti finanzjarji marbuta ma' dawk il-każijiet varjaw aktar, minħabba għadd limitat ta' każijiet individwali b'impatt finanzjarju għoli, u fl-2022 naqsu għal EUR 300 miljun (-62 % meta mqabbla mal-2021)<sup>31</sup>. L-għadd u l-impatt finanzjarju ta' irregolaritajiet mhux frawdolenti laħqu l-quċċata tagħhom fl-2022 b'xejra ta' żieda kostanti matul il-5 snin, bi 11 316-il irregolarità (+8 % meta mqabbla mal-2021) li kienu jinvolvu EUR 1,47 biljun (+17 %).

**Illustrazzjoni 4: Irregolaritajiet irrapportati u ammonti finanzjarji relatati – 2018-2022; irregolaritajiet u ammonti finanzjarji relatati skont il-qasam baġitarju – 2022**



<sup>29</sup> Din id-*data* hija estratta mis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni ABAC.

<sup>30</sup> Ara t-taqsimiet 4.1.1 u 4.1.2 rispettivament, li l-informazzjoni tagħhom hija estratta mir-rapporti tagħhom stess. Ir-rapport tal-OLAF għall-2022 huwa disponibbli [hawnhekk](#). Ir-rapport annwali tal-UPPE għall-2022 huwa disponibbli [hawnhekk](#).

<sup>31</sup> Dan l-ammont jikkoreġi b'mod sinifikanti dak ippubblikat fir-Rapport PIF tal-2021 (ta' EUR 1,83) wara xi żbalji ta' rapportar marbuta mal-użu mhux korrett tal-muniti nazzjonali minflok tal-EUR.

#### 4.1.1. Investigazzjonijiet mill-OLAF

Fl-2022, l-OLAF ikkonkluda investigazzjonijiet f'256 każ, fejn ħareġ 275 rakkomandazzjoni, li minnhom 153 kienu finanzjarji, għal ammont totali rakkomandat għall-irkupru ta' EUR 426,8 miljun u EUR 197,9 miljun ma setgħux jintefqu bla bżonn. Matul l-istess perjodu nfetħu 192 investigazzjoni ġdida, li minnhom 30 (16 %) kienu relatati mar-riżorsi proprji u l-kummerċ illeċitu, 73 (38 %) mal-ġestjoni kondiviża, 16 (8 %) mal-ġestjoni indiretta, u 44 (23 %) mal-ġestjoni diretta. Infetħu 29 (15 %) investigazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet interni.

L-OLAF investiga allegazzjonijiet u każijiet ta' kollużjoni, manipolazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist, kunflitti ta' interess, fatturi li jkunu għoljin wisq, evażjoni tad-dazji doganali, kuntrabandu u falsifikazzjoni.

#### 4.1.2. Investigazzjonijiet mill-UPPE

Fl-2022, l-UPPE fetax 865 investigazzjoni li jikkorrispondu għad-danni stmata għal EUR 9,9 biljun<sup>32</sup>. Fi tmiem l-2022, l-UPPE kellu 1 117-il investigazzjoni li kienu għaddejnin li kienu jinvolvu ħsara stmata ta' EUR 14,1-il biljun, li minnhom kważi nofs (EUR 6,7 biljun) kienu marbuta ma' 185 investigazzjoni relatata mal-VAT<sup>33</sup>. 692 investigazzjoni kienu jikkonċernaw każijiet ta' frodi fl-infiq.

Fost it-tipoloġiji identifikati f'dawn l-investigazzjonijiet attivi, 679 reat huma relatati ma' frodi fin-nefqa mhux marbuta mal-akkwist, 224 mal-frodi fin-nefqa tal-akkwist, 87 mal-korruzzjoni, 48 mal-miżapproprijazzjoni, 116 mal-ħasil tal-flus, 236 mal-frodi tad-dħul mhux mill-VAT u 427 mal-frodi tad-dħul mill-VAT.

#### 4.2. Dħul – Riżorsi proprji tradizzjonali<sup>34</sup>

Fl-2022, l-għadd ta' **irregolaritajiet frawdolenti u mhux frawdolenti** (4 661) relatati mar-Propri Tradizzjonali (TOR) kien 7,6 % oġhla mill-għadd medju ta' irregolaritajiet irrapportati matul l-aħħar 5 snin. L-għadd ta' irregolaritajiet frawdolenti naqas b'6,8 % u l-irregolaritajiet mhux frawdolenti żdiedu b'9,4 % meta mqabbla mal-medja ta' 5 snin għall-2018-2022. L-**ammont** totali ta' TOR stmat u stabbilit mill-Istati Membri żdied b'47 % għal EUR 783 miljun<sup>35</sup>.

Filwaqt li l-**kuntrabandu** jibqa' wieħed mill-*modus operandi* ewlieni f'każijiet frawdolenti, il-biċċa l-kbira tal-każijiet irrapportati fl-2022 huma relatati ma' **valur skorrett u klassifikazzjoni/deskrizzjoni skorretta** tal-merkanzija. It-**tessuti u xedd is-saqajn** kienu l-oġġetti l-aktar affettwati, mhux biss f'termini tal-għadd ta' każijiet, iżda b'mod partikolari fil-valur. Iċ-**Ċina** baqgħet l-aktar pajjiż ta' oriġini sinifikanti tal-merkanzija affettwat minn irregolaritajiet.

<sup>32</sup> Id-dannu totali stmat jiġi kkalkolat abbażi tal-valuri meqjusa waqt li l-investigazzjonijiet għadhom għaddejnin. Id-*data* rrapportata f'din it-taqsimha hija inkluża fir-rapport annwali tal-UPPE għall-2022.

<sup>33</sup> Il-frodi tal-VAT ma titqiesx f'dan ir-rapport.

<sup>34</sup> Għal analiżi dettaljata tal-irregolaritajiet irrapportati mill-Istati Membri fir-rigward tat-TOR, ara "Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u n-nefqa diretta fl-2022" li takkumpanja dan ir-rapport, it-taqsimha 2.

<sup>35</sup> Fl-2022, l-ammont totali kien affettwat b'mod sinifikanti minn erba' każijiet kbar ta' irregolaritajiet mhux frawdolenti li ġew irrapportati fil-Belġju (EUR 305 miljun).


14-il Stat Membru rrapportaw 116-il każ ta' **sigaretti bil-kuntrabandu**, bl-ammont smat ta' TOR involut li jammonta għal madwar EUR 38 miljun. Meta mqabbla mal-2021, 10 Stati Membri<sup>36</sup> komplew jirrapportaw każijiet ta' kuntrabandu, filwaqt li erba' Stati Membri rrapportawhom għall-ewwel darba fl-2022<sup>37</sup>. Dan jista' jindika bidla potenzjali ta' frodi jew ta' rotot ta' kuntrabandu tas-sigaretti lejn Stati Membri oħrajn.

**Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera** jibqa' l-proċedura doganali l-aktar affettwata minn irregolaritajiet frawdolenti u mhux frawdolenti (3 799 każ b'ammont globali ta' EUR 688 miljun). Meta mqabbla mal-2021, il-Ġermanja rrapportat żieda kbira f'każijiet mhux frawdolenti relatati mar-“rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera” fl-2022, filwaqt li xi wħud mill-Istati Membri ġirien tagħha rrapportaw żieda fit-“tranżitu” (eż. iċ-Ċekja u n-Netherlands) flimkien ma' tnaqqis fir-“rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera” (in-Netherlands).

L-ispezzjonijiet mis-**servizzi nazzjonali kontra l-frodi** flimkien mal-kontrolli tar-rilaxx doganali kellhom rwol kruċjali fl-identifikazzjoni ta' każijiet frawdolenti fl-2022. Każijiet mhux frawdolenti ġew identifikati primarjament minn **kontrolli ta' wara r-rilaxx**, għalkemm metodi oħrajn ta' identifikazzjoni bħall-kontrolli tar-rilaxx u l-awditi tat-taxxa kienu qegħdin jiżdedu wkoll.

Fl-2022, is-servizzi tal-Kummissjoni ffukaw l-**ispezzjonijiet** tagħhom fuq il-post **fl-Istati Membri** fuq l-istrateġija ta' kontroll għall-kummerċ elettroniku u l-kunsinni ta' valur baxx u l-istrateġija ta' kontroll għad-dazji anti-dumping u kompensatorji. Barra minn hekk, l-awditi tal-uffiċċju tal-Kummissjoni fl-2022 kienu orjentati lejn tliet suġġetti differenti: il-merkanzija relatata mal-COVID-19 soġġetta għal eżenzjoni mid-dazju, deċiżjonijiet dwar Informazzjoni Vinkolanti dwar l-Oriġini (BOI) u għal każijiet miftuħa tal-kontijiet B.

**Illustrazzjoni 5: Irregolaritajiet identifikati u rrapportati fit-TOR u l-identifikazzjoni skont it-tip ta' kontroll**



**Stampa 2: Operazzjonijiet Doganali Konġunti**

Operazzjonijiet Doganali Konġunti (JCOs) huma azzjonijiet immirati ta' durata limitata bl-għan li jiġġieldu l-frodi u l-kuntrabandu ta' merkanzija sensitiva f'żoni speċifiċi li jinsabu f'riskju u/jew f'rotot kummerċjali identifikati. Fl-2022, l-OLAF ikkoorganizza jew appoġġa 10 JCOs li

<sup>36</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija.

<sup>37</sup> Spanja, il-Kroazja, l-Awstrija u l-Portugall.

jkopru firxa wiesgħa ta' miri, inkluż il-kuntrabandu tat-tabakk, oġġetti sottovalutati u flus kontanti li jidħlu jew joħorġu mill-UE<sup>38</sup>.

### 4.3. Nefqa

#### 4.3.1. Agrikoltura<sup>39</sup>

Matul il-perjodu 2018-2022, l-irregolaritajiet frawdolenti rrapportati fl-IMS għall-**iżvilupp rurali** żdiedu, l-aktar minħabba sejbiet li dejjem jiżdiedu matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Madankollu, l-għadd ta' dawn l-irregolaritajiet frawdolenti kien aktar baxx milli mistenni. Dan għandu jiġi mmonitorjat sabiex tiġi żgurata enfasi fuq l-identifikazzjoni tal-frodi. Għalkemm inqas notevoli, l-irregolaritajiet mhux frawdolenti wrew xejra simili. Fl-2022, l-irregolaritajiet frawdolenti taħt **appoġġ għall-agrikoltura** żdiedu meta mqabbla mal-2021, l-aktar minħabba r-rapportar relatat mal-pagamenti diretti minn żewġ Stati Membri. Din iż-żieda kienet parzjalment dovuta għar-rapportar ta' bosta irregolaritajiet interkonnessi żgħar. L-ammonti finanzjarji irregolari involuti f'irregolaritajiet mhux frawdolenti varjaw ħafna, l-aktar minħabba r-rapportar f'xi snin ta' każijiet li jinvolvu ammonti eċċezzjonali, għall-**miżuri tas-suq**.

Ir-rati ta' identifikazzjoni għall-iżvilupp rurali kienu notevolment oġhla milli għall-appoġġ għall-agrikoltura. Madankollu, parti waħda mill-appoġġ għall-agrikoltura, il-miżuri tas-suq, kienet tirrappreżenta l-oġhla rati ta' identifikazzjoni. L-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet, b'mod partikolari frawdolenti, kienet ikkonċentrata fi ftit Stati Membri.

Matul il-perjodu 2018-2022, l-irregolaritajiet frawdolenti spiss kienu jikkonċernaw il-**falsifikazzjoni tat-talba għall-għajnuna** jew tal-**prova dokumentarja**. Għall-miżuri tas-suq u għall-iżvilupp rurali, il-ksur li jikkonċerna l-**implimentazzjoni tal-azzjoni** kien sinifikanti wkoll.

---

<sup>38</sup> Ara r-Rapport Annwali tal-OLAF għall-2022, [https://ec.europa.eu/olaf-report/2022/investigative-activities/protecting-eu-revenue/conducting-joint-customs-operations\\_en.html](https://ec.europa.eu/olaf-report/2022/investigative-activities/protecting-eu-revenue/conducting-joint-customs-operations_en.html)

<sup>39</sup> Għal analiżi dettaljata tal-irregolaritajiet irrapportati mill-Istati Membri fir-rigward tal-agrikoltura, ara "Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u n-nefqa diretta fl-2022" li takkumpanja dan ir-rapport, it-taqsimha 3.



## Illustrazzjoni 6: Pagamenti u irregolaritajiet irrapportati fil-PAK skont it-tip ta' nefqa<sup>40</sup>

Pagamenti skont it-tip ta' nefqa - 2022

Tipi ta' irregolaritajiet misjuba skont it-tip ta' nefqa - 2018-2022

Irregolaritajiet rrapportati 2018-22 skont it-tip ta' appoġġ

Sena 2022		Modus operandi	Pagamenti diretti lill-bdiewa	Miżuri tas-suq	Żvilupp rurali
Tip ta' nefqa	Pagamenti EUR miljun				
Pagamenti diretti	37,978	misjuba f% tal-każijiet			
Intervent fis-swieq agrikoli	2,881	Talba/Benefiċjarju	22%	0%	9%
Żvilupp rurali	14,928	Prova dokumentarja	21%	50%	27%
PAK totali	55,788	Talba	20%	0%	14%
FDR u IDR skont it-tip ta' nefqa - 2018-2022		Prodott, speċi u/jew art/Talba/benefiċjarju	17%	0%	0%
FDR	Tip ta' nefqa	Talba/Prodott, speċi u/jew art	12%	13%	0%
0.02%	Pagamenti diretti	Benefiċjarju	4%	0%	14%
0.37%	Intervent fis-swieq agrikoli	Ohrain	2%	13%	7%
0.12%	Żvilupp rurali	Prodott, speċi u/jew art	1%	13%	0%
0.06%	PAK totali	Prova dokumentarja/(Nuqqas ta') azzjoni	0%	0%	5%
0.06%		(Nuqqas ta') azzjoni	0%	13%	12%
		(Nuqqas ta') azzjoni/Prodott, speċi u/jew art	0%	0%	1%
		Prova dokumentarja/Talba	0%	0%	0%
		Prodott, speċi u/jew art/Benefiċjarju	0%	0%	0%
		Etika u Integrità	0%	0%	0%



— Appoġġ għall-agrikoltura (SA)  
— Żvilupp rurali (RD)  
— SA/RD

### Stampa 3 – Riskji u ksur fil-Politika Agrikola Komuni (PAK)

Ir-riskji u l-ksur jiddependu mit-tip ta' miżura. Pereżempju, l-applikanti għal pagamenti diretti jistgħu jitolbu għajjnuna għal biċċiet ta' art li ma jkollhomx id-dritt li jużaw, abbażi ta' ftehimiet ta' kiri foloz, jew jistgħu joħolqu b'mod artifizjali l-kundizzjonijiet biex jirċievu appoġġ finanzjarju. Il-prattiki agrikoli, inklużi dawk ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, jistgħu jeħtieġu aktar attenzjoni bl-għan li jiġi identifikat ksur intenzjonat. L-istess jista' japplika għal skemi ta' pagament ibbażati fuq l-għadd u t-tip ta' annimali. Il-ksur relatat mal-miżuri tas-suq jista' jikkonċerna, pereżempju, l-irtirar ta' prodotti agrikoli mis-suq jew il-kost, l-implimentazzjoni jew l-użu attwali ta' investimenti minn organizzazzjonijiet tal-produtturi, bħal xogħlijiet għal siti ta' ħżin jew ix-xiri ta' makkinarju jew tagħmir. Diversi każijiet kumplessi relatati mal-promozzjoni ta' prodotti agrikoli ġew investigati mill-OLAF.

Fl-iżvilupp rurali, il-benefiċjarji jistgħu, pereżempju, jużaw fatturi foloz, dikjarazzjonijiet tat-tagħmir bħala ġdid meta fil-fatt ikun użat, offerti manipulati fil-kuntest tal-akkwist u informazzjoni falza dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet għar-riċeviment tal-għajjnuna. Il-ksur jista' jikkonċerna l-informazzjoni li l-applikant jipprova sabiex jagħżel il-proġett, jirċievi ħlas bil-quddiem jew jissodisfa l-kriterji għall-aċċess għal skema ta' appoġġ. Il-benefiċjarju jista' jikser ir-regoli dwar l-akkwist, jitlob rimborż għal kostijiet eċċessivi jew anke għal tranżazzjonijiet mhux eżistenti, jew jitlob rimborż ta' kostijiet diġà ffinanzjati f'kuntest ieħor. Il-benefiċjarju jista' jonqos milli jsegwi l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, milli juża l-investiment għall-fini maħsub jew li jużah. L-infiq relatat maż-żona u mal-annimali jista' jeħtieġ aktar attenzjoni bil-għan li jiġi identifikat ksur intenzjonat.

### 4.3.2. Politika ta' koeżjoni<sup>41</sup>

L-irregolaritajiet frawdolenti relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, kif irrapportat fl-IMS, laħqu l-ogħla livell fl-2015, naqsu gradwalment fis-snin ta' wara, u fl-2018 ġew sostitwiti

<sup>40</sup> Ir-Rata ta' Identifikazzjoni tal-Frodi (FDR) hija kkalkulata bħala l-perċentwal tal-ammonti irregolari finanzjarji marbuta ma' irregolaritajiet frawdolenti fuq il-pagamenti totali. Ir-Rata ta' Identifikazzjoni tal-Irregolarità (IDR) hija kkalkulata bħala l-perċentwal tal-ammonti irregolari finanzjarji marbuta ma' irregolaritajiet mhux frawdolenti fuq il-pagamenti totali.


<sup>41</sup> Għal analiżi dettaljata tal-irregolaritajiet irrapportati mill-Istati Membri fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni, ara "Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u n-nefqa diretta fl-2022" li takkumpanja dan ir-rapport, it-taqsim 4.



minn dawk relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Din id-dinamika hija konformi mat-tendenzi u max-xejriet magħrufa marbuta ma' ċikli ta' implimentazzjoni pluriennali. Mill-2017, ir-rapportar ta' irregolaritajiet mhux frawdolenti relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 kien qiegħed jizzied, iżda inqas milli kien mistenni. L-għadd u l-ammonti finanzjarji tal-irregolaritajiet mhux frawdolenti rrapportati matul l-ewwel disa' snin tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kienu ħafna ogħla minn dawk irrapportati matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dan jikkonċerna l-fondi kollha u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri<sup>42</sup>.

Fir-rigward tal-frodi, l-aktar tip frekwenti ta' ksur kien jikkonċerna dokumenti ta' sostenn. Ammonti finanzjarji kbar kienu involuti f'irregolaritajiet frawdolenti fejn kien hemm ksur tad-dispożizzjonijiet/tar-regoli tal-kuntratt, li spiss kienu jikkonsistu f'implimentazzjoni mhux kompluta jew f'nuqqas ta' implimentazzjoni tal-azzjoni ffinanzjata. Il-ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku kien l-aktar irregolaritajiet mhux frawdolenti rrapportati. Dawn f'każijiet rari rriżultaw f'suspett ta' frodi. Dan jissuġġerixxi li jew l-identifikazzjoni tal-frodi, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jew il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet kontraenti għandhom jittejbu. L-aktar ksur frawdolenti li jikkonċerna l-etika u l-integrità kien dwar il-kunflitti ta' interess. L-etika u l-integrità huma l-kategorija ta' ksur fejn il-frodi hija l-aktar frekwenti. Il-korruzzjoni ġiet irrapportata f'każijiet rari.

**Illustrazzjoni 7: irregolaritajiet irrapportati skont il-perjodu ta' programmazzjoni, il-fond u t-tipoloġija. IDR u FDR skont il-perjodu ta' programmazzjoni<sup>43</sup>**



**Stampa 4 – Oqsma f'riskju fil-politika ta' koeżjoni**

Fir-rigward tal-frodi, ir-riskji jidhru li huma ogħla fir-rigward ta': (i) it-trasport u l-protezzjoni ambjentali, minħabba l-ammonti finanzjarji għoljin involuti f'irregolaritajiet; (ii) ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni (RTD&I) u l-impjiegi, minħabba l-frekwenza ta' irregolaritajiet frawdolenti. F'termini ta' frodi relatata mat-tranżizzjoni ekoloġika, l-analiżi tissuġġerixxi riskji ogħla għall-investimenti fi: (i) l-effiċjenza enerġetika; (ii) il-provvista ta' ilma tax-xorb; (iii) l-immaniġġar tal-iskart. Fir-rigward tal-frodi relatati mat-trasport u man-networks, l-analiżi tissuġġerixxi riskji ogħla għall-investimenti fi: (i) toroq li ma humiex parti mit-TEN (Network Trans-Ewropew), minħabba l-għadd ta' irregolaritajiet, probabbilment marbuta mal-għadd ogħla ta' proġetti li jilhq u l-livell reġjonali jew lokali; (ii) il-ferroviji u t-toroq tat-TEN, minħabba l-ammonti finanzjarji għoljin involuti. Fir-rigward tal-frodi relatata mal-inklużjoni soċjali, l-analiżi tissuġġerixxi riskji ogħla għall-investimenti fl-inklużjoni attiva u fl-infrastruttura tal-kura tas-saħħa.

<sup>42</sup> Analiżi fil-fond ta' din ix-xejra ġiet ippubblikata fir-[Rapport PIF tal-2021](#), stampa 17, paġna 38.

<sup>43</sup> Għad-definizzjoni tal-IDR u tal-FDR ara n-nota 40 f'qiegħ il-paġna.

### 4.3.3. Oqsma baġitarji oħrajn<sup>44</sup>

L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) huwa l-istrument li bih l-UE ilha tappoġġa r-riformi fir-reġjun tat-tkabbir b'assistenza finanzjarja u teknika mill-2007. L-irregolaritajiet irrapportati matul il-perjodu 2018-2022 fir-rigward ta' qabel l-adeżjoni kienu jikkonċernaw prinċipalment il-fondi distribwiti skont l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni I (IPA I) tal-2007-2013 u l-IPA II tal-2014-2020. Fl-2022, l-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati u l-ammonti relatati laħaq il-quċċata tiegħu. Madankollu, l-irregolaritajiet frawdolenti rrapportati kienu fl-aktar livell baxx mill-aħħar 5 snin. L-irregolaritajiet irrapportati, kemm frawdolenti kif ukoll mhux frawdolenti, jikkonċernaw l-aktar il-komponent tal-iżvilupp rurali u l-kooperazzjoni transfruntiera.

L-irregolaritajiet, kemm frawdolenti kif ukoll mhux frawdolenti, relatati man-nefqa żborżata taħt **ġestjoni diretta** baqgħu pjuttost stabbli matul il-perjodu 2018-2022. Aktar minn 80 % tal-irregolaritajiet identifikati bħala potenzjalment frawdolenti nstabu wara l-investigazzjonijiet tal-OLAF.

## 4.4. Kriminalità organizzata, korruzzjoni u kunflitti ta' interess

L-informazzjoni dwar l-attività tal-**kriminalità organizzata** kontra l-interessi finanzjarji tal-UE hija disponibbli fir-rapport annwali tal-UPPE, li jindika 122 reat investigat li jikkonċernaw organizzazzjonijiet kriminali ffokati fuq il-PIF fl-investigazzjonijiet attivi tiegħu sa tmiem l-2022.

Fir-rigward ta' każijiet ta' **korruzzjoni**, l-UPPE rrapporta 87 reat investigati fi tmiem l-2022. Matul is-snin 2018-2022, ġew irrapportati 30 każ permezz tal-IMS minn 10 pajjiżi, ħamsa relatati mal-agrikoltura, 22 mal-koeżjoni u tlieta mal-fażi ta' qabel l-adeżjoni. Id-dannu tagħhom huwa stmat għal madwar EUR 50 miljun.

Matul l-istess perjodu, ġew irrapportati 375 każ relatati ma' **kunflitti ta' interess** permezz tal-IMS (86 % irreferew għall-koeżjoni, 9 % għall-agrikoltura u 5 % għall-fażi ta' qabel l-adeżjoni) li kienu jinvolvu kważi EUR 117-il miljun. L-analiżi ta' tali irregolaritajiet tiżvela li l-kunflitti ta' interess irrapportati prinċipalment jindikaw relazzjonijiet bejn ir-riċevituri tal-fondi u l-kuntratturi u s-sottokuntratturi tagħhom, abbażi ta' ksur speċifiku tar-regoli nazżjonali. 7 % biss tal-każijiet jirreferu għal kunflitti ta' interess matul l-istadju tal-għoti/tal-evalwazzjoni tal-proġetti, u b'hekk jinvolvu membri tal-kumitati ta' evalwazzjoni. Għalkemm madwar żewġ terzi ta' dawn il-każijiet ġew identifikati permezz ta' kontrolli u verifiki standard, it-terz li jifdal ġie identifikat permezz ta' sorsi esterni għas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, bħal "pariri minn informaturi", "investigazzjonijiet tal-OLAF jew informazzjoni mill-OLAF", "investigazzjonijiet mill-pulizija nazżjonali" u "artikli fl-istampa".

---

<sup>44</sup> Għal analiżi dettaljata tal-irregolaritajiet irrapportati mill-Istati Membri fir-rigward tal-ġestjoni ta' qabel l-adeżjoni u dik diretta, ara "Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u n-nefqa diretta fl-2022" li takkumpanja dan ir-rapport, it-taqsimiet 5 u 6.



## 5. KONKLUŻJONJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

L-Istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-Frodi tagħmel enfasi fuq il-ġbir u l-analiżi tad-*data* u fuq l-iżvilupp tal-għarfien sabiex jiġu mmirati aħjar l-isforzi kontra l-frodi. Diġitalizzazzjoni ulterjori hija essenzjali sabiex jiżdedu l-aċċessibilità u l-użu tad-*data* u b'hekk jiġu żgurati prevenzjoni u identifikazzjoni tal-frodi aktar effettivi u effiċjenti. L-istrateġija tenfasizza wkoll l-importanza tal-governanza kontra l-frodi, u li jkun hemm il-proċessi u l-istrutturi korretti fis-seħħ biex jiġu żgurati l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha. L-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri matul dawn l-aħħar snin tikkonferma l-ħtieġa li titkompla f'din id-direzzjoni u li l-frodi tiġi indirizzata b'mod olistiku u kkoordinat.

### 5.1. Fehim tal-frodi sabiex tiġi miġġielda b'mod aktar effiċjenti

Analiżi fil-fond u bir-reqqa tad-*data* tista' ttejjeb l-istadji kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi. B'mod partikolari, tista' tagħti spinta lill-prevenzjoni u lill-identifikazzjoni permezz ta' rakkomandazzjonijiet strateġiċi u operazzjonali biex tgħin lill-atturi kontra l-frodi jimmiraw b'mod aktar effettiv lil dawk li jwettqu l-frodi. Is-solidità ta' dik l-analiżi tiddependi fuq id-disponibilità u l-kwalità tad-*data* rilevanti.

Il-qafas legali tal-UE jipprovdi qafas adegwat għall-iskambju tal-informazzjoni rilevanti fir-rigward kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa.

Min-naħa tan-nefqa, ir-rapportar ta' frodi u irregolaritajiet permezz tal-IMS huwa l-mezz li bih tinġabar dik id-*data*, u l-Kummissjoni hija impenjata li tkompli ttejjeb is-sistema u tappoġġa lill-Istati Membri fir-rieżami u fl-aġġornament tal-gwida dwar ir-rapportar ta' irregolaritajiet.

Min-naħa tad-dħul, ir-riskji relatati ma' ċerti tipi ta' oġġetti għadhom għoljin. L-Istati Membri jirrapportaw frodi u irregolaritajiet li jinvolvu riżorsi proprji tradizzjonali permezz tal-applikazzjoni OWNRES. Approċċ f'waqtu u proattiv fl-identifikazzjoni u fl-indirizzar tar-riskji eżistenti kif ukoll xejriet ġodda ta' frodi jidhru li huma indispensabbli għall-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-UE.

F'bosta Stati Membri, il-perċentwal ta' irregolaritajiet li għadhom ikklassifikati bħala frodi suspettata bosta snin wara r-rapportar inizjali huwa estremament għoli, anke fir-rigward ta' każijiet li indikaw li huma magħluqa. Dan jista' jissuġġerixxi jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji ma jseguw dawk is-suspetti b'mod xieraq, eż. minħabba riżorsi insuffiċjenti, jew li ma hemm l-ebda mezz ta' komunikazzjoni xieraq mill-awtoritajiet ġudizzjarji sal-awtoritajiet ta' rapportar. Dan jista' jkun dovut għal suspetti persistenti tal-aġenziji tal-pagamenti u tal-awtoritajiet manijerjali, filwaqt li l-proċedimenti kriminali ma ġewx immedija, ġew evitati mill-istatut ta' limitazzjonijiet jew ma wasslux għal evidenza suffiċjenti ta' frodi.

#### ***Rakkomandazzjoni 1: It-tiġib tal-identifikazzjoni, tar-rapportar u tas-segwitu ta' frodi suspettata***

L-identifikazzjoni u r-rapportar ta' frodi suspettata xorta jistgħu jittejjbu b'mod sinifikanti, kif ukoll is-segwitu tagħhom. Għad jistgħu jidhru differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri. Fl-Istati Membri b'inċidenza baxxa ta' frodi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinvestu f'analiżi tar-riskju ta' frodi sabiex jivvalutaw sa liema punt l-identifikazzjoni baxxa hija r-riżultat ta' livelli baxxi ta' frodi attwali li jaffettwaw l-operazzjonijiet tagħhom jew ir-riżultat ta' nuqqasijiet sistemiċi fis-sistemi ta' identifikazzjoni jew rapportar.

Jekk jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas fl-identifikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq l-identifikazzjoni ta' sinjali ta' frodi u, fejn jinstabu irregolaritajiet, jindirizzaw bir-reqqa l-kwistjoni tal-intenzjonalità.

Jekk il-kwistjonijiet identifikati jindikaw prattiki ta' rapportar (eż. dewmien fil-klassifikazzjoni bħala frodi suspettata), l-Istati Membri għandhom jirrieżaminawhom ukoll filwaqt li jqisu l-ħtieġa ta' fluss aħjar ta' informazzjoni lejn u mill-awtoritajiet gudiżżjarji.

## 5.2. Innovazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi: il-każ għad-diġitalizzazzjoni

Minkejja li kienet is-suġġett ta' diversi rakkomandazzjonijiet fil-passat, l-enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi hija aktar rilevanti minn qatt qabel. L-opportunitajiet offruti minn teknoloġiji ġodda għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ, sabiex jiġu miġġielda l-frodaturi li jidhru li huma aktar organizzati u li jagħmlu użu mit-teknoloġija ħafna aktar minn qatt qabel.

### ***Rakkomandazzjoni 2: Id-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi hija prijorità fuq l-aġenda tal-Istati Membri***

Id-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi jeħtieġ li tkun fil-qalba tal-istrategġiji kontra l-frodi. Din tirrappreżenta kemm riżorsa kif ukoll theddida, peress li l-frodaturi qegħdin jużaw dejjem aktar u jisfruttaw teknoloġiji ġodda sabiex iwettqu r-reati tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi tkun parti min-NAFS tagħhom. Dak l-approċċ għandu jiddefinixxi strategġiji biex: (i) jidentifika t-theddid eżistenti u futur li jirriżulta minn teknoloġiji ġodda; (ii) jiżviluppa l-arkitettura tal-IT meħtieġa (inventarju tal-ġhodod eżistenti, l-iżvilupp ta' oħrajn ġodda, l-iżgurar ta' interoperabbiltà xierqa bejniethom); u (iii) jidentifika u jindirizza l-lakuni eżistenti, anke f'termini tal-ħiliet meħtieġa.

## 5.3. Tisħiħ tal-governanza kontra l-frodi

Il-Kummissjoni saħqet b'mod kostanti favur il-każ għall-adozzjoni mifruxa ta' strategġiji nazzjonali kontra l-frodi biex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE. Dawk l-istrategġiji jistgħu jiżguraw li d-diversi atturi nazzjonali involuti jieħdu approċċ komuni u jistgħu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-livell tal-UE. Minħabba r-rwol importanti li għandhom l-OLAF u l-UPPE fil-ġlieda kontra l-frodi transfruntiera b'mod partikolari, ix-xenarju ta' kontra l-frodi dejjem aktar kumpless u s-sofistikazzjoni tal-frodaturi, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-fruntieri organizzazzjonali huma aktar importanti minn qatt qabel.

### ***Rakkomandazzjoni 3: Tisħiħ tal-governanza kontra l-frodi fl-Istati Membri***

In-networks nazzjonali kontra l-frodi qegħdin jiżviluppaw f'diversi Stati Membri, bl-AFCOS nazzjonali għandu rwol ewlieni. Il-Kummissjoni tappoġġa u tħeġġeġ dan il-proċess, li għandu jiġi estiż għall-atturi kollha kkonċernati, bl-involvement tal-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi u gudiżżjarji fil-livell nazzjonali u Ewropew. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-istrutturi nazzjonali li jikkoordinaw dan il-proċess ikollhom persunal xieraq.

In-networks kontra l-frodi jipprovdu l-istruttura ideali għall-iżvilupp u l-aġġornament tan-NAFS.

Il-Kummissjoni ttenni r-rakkomandazzjoni tagħha li l-Istati Membri li għadhom ma adottawx NAFS għandhom jagħmlu dan.